# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 372/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Charmaine Micallef**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanti **Charmaine Micallef**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 537985(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxa, skont l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Numru XXIII tal-1998) u regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att, waqt spezzjoni ta' sorpriża li seħħet fil-11 ta' Novembru 2015 ġewwa "Perfect Touch" li jinsab fi Triq il-Ħtajriet, Mosta, jew

hi jew impjegati tagħha jew xi persuna oħra li kienet qed taġixxi għan-nom tagħha, offriet li tipprovdi servizz lill-persuna oħra u/jew esponiet għall-bejgħ oġġetti waqt li kienet sprovvista minn *cash register* fiskali u/jew kotba tar-riċevuti fiskali kif maħruġa jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxi u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda ta' l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjuda (Att Nru. XXIII tal-1998) u Artikoli 51, 77(o), 81 u 82 tal-istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Lulju 2016, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 51 u 77 (a)(e) u l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u kkundannatha multa ta' tmien mitt Euro (€800.00).

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fit-13 ta' Lulju 2016 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata sabiex b'hekk tillibera lill-esponenti minn l-akkużi dedotti kontra tagħha."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-6 ta' Lulju 2016.

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravju mressaq mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha, hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta mill-atti proċesswali. Għal kull buon fini din il-Qorti tinnota li d-depożizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti jidher li ma ġewx reġistrati u għaldaqstant ma ġewx traskritti u dana peress li x-xhieda reġgħhu xehdu quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- **Paul Scicluna** (Spettur tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud – *a fol.* 23) ikkonferma l-*Letter to Prosecute* (Dok. "PS 1" – *a fol.* 3) u l-Applikazzjoni għar-Reġistrazzjoni (Dok. "PS 2" – *a fol.* 4 *et seq.*).

- **Roderick Sultana** (Spettur tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud – *a fol.* 25 *et seq.*) ikkonferma r-rapport li jinsab *a fol.* 6. Jgħid li fil-11 ta' Novembru 2015 hu u Jonathan Fenech għamlu spezzjoni fil-ħanut "Perfect Touch" fejn kellmu lill-appellanti li identifikat ruħha. Jgħid li hija kienet qed tuża l-kotba tal-irċevuti fiskali manwali u li meta staqsewha għall-kotba hija qalet li ma kellhiex għaliex kienu għand l-*accountant*. Jgħid li qalet li ma kellhiex *cash register*. Jgħid li qalet ukoll li l-ħanut kien magħluq pero' dak il-ħin daħlet klijenta. Jispjega li huma ma rawx lill-appellanti tagħti xi servizz iżda raw li kellha xi prodotti għall-bejgħ. Fil-kontro-eżami kien mistoqsi jgħid jekk rax lill-persuna li daħlet fil-ħanut tixtri xi prodott u wieġeb fin-negattiv. Jgħid li hu ma kien kellem ebda klijenta.

- L-appellanti **Charmaine Micallef** (*a fol.* 28 *et seq.*) xehdet li kien hemm magħha ħabiba tagħha u kienu marru l-ħanut ħa ġġib xi affarijiet u ħarġu mill-ewwel għax dakinhar ma kinitx miftuħa. Dwar l-irċevuti manwali hija qalet li kienu għand l-*accountant*. Tgħid li kellha ktieb imma dakinhar ma kienet tat ebda servizz

għax kien it-Tnejn u kienet magħluqa bħal ma tagħmel kull nhar ta' Tnejn. Fil-kontro-eżami meta ġiet imfakkra li quddiem l-Ewwel Qorti kienet qalet li kienet xogħol normali imma kellha bżonn tieħu lit-tifla l-*ballet*, hija qalet li filgħodu kienet marret tnaddaf u ma kinitx qed tagħti servizz lill-klijenti. Tisħaq li għalkemm il-ħanut kien miftuħ hi ma kinitx qed tagħti servizz għaliex kien it-Tnejn. Tgħid li hi kellha titlaq mill-ħanut sabiex tieħu t-tifla l-*ballet* u reġgħet marret il-ħanut biex tieħu l-*handbag* u d-djarju. Tgħid li hija kompliet tnaddaf il-ħanut sakemm it-tifla kienet il-*ballet* u tgħid li kienet qed tagħmel il-kafe' meta daħlu l-ispetturi tal-VAT. Tispjega li kienet tat il-kotba tal-irċevuti lill-*accountant* is-Sibt filgħaxija. Tinsisti li ma kinitx marret iz-zija tagħha imma ħabiba. Tgħid li l-kotba kienet marret għalihom it-Tnejn fil-għaxija.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellanti tressaq aggravju wieħed fir-Rikors tal-appell tagħha. Hija tgħid li fil-11 ta' Novembru 2015 il-ħanut ġestit minnha fil-Mosta ma kienx miftuħ għall-klijenti. Tgħid li marret tagħmel qadja akkumpanjata minn membru tal-familja u daħlu l-iSpetturi tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Tisħaq li ma kien hemm ebda klijent u lanqas xi prodotti li setgħu jkunu esposti għall-bejgħ lill-klijenti. Targumenta li meta wieħed iqis il-grad ta' prova rikjesta wieħed ma jistax jifhem kif l-Ewwel Qorti sabet ħtija kontra tagħha.

Illi l-aggravju tal-appellanti huwa dwar apprezzament tal-provi. Din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti

> (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi din il-Qorti għarblet il-provi mill-ġdid u dana kif jirriżulta mis-sommarju tax-xhieda prodotti f'dan il-każ u li sar aktar 'il fuq ta' din is-sentenza.

Illi filwaqt li din il-Qorti tinnota li hija sfortuna li kien hemm żmien li d-depożizzjonijiet mogħtija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati f'dawk il-kawżi msejħa "sommarji" ma kienux jiġu reġistrati u b'hekk ma setgħux jiġu traskritti, tinnota wkoll li s-sentenza appellata hija ben motivata u minnha din il-Qorti tista' tifhem x'ġara u x'ingħad quddiemha. Il-Qorti tawgura li llum il-ġurnata l-prassi tan-nuqqas ta' reġistrazzjoni hawn fuq imsemmija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma għadhiex hemm.

Illi din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata ngħad hekk (*a fol.* 11):

> "Illi frankament il-Qorti ssib din il-verżjoni [tal-appellanti] bħala waħda inverosimili u assolutament ma tikkonvinċix lill-Qorti: anzi l-Qorti hija konvinta li, kif qal l-iSpettur li xehed quddiemha, dak il-ħin il-ħanut kien miftuħ għall-pubbliku li seta' jidħol liberament biex jieħu xi servizz minn għandha jew almenu jixtri xi wieħed mill-prodotti li l-imputata kellha għall-bejgħ. La darba l-Qorti hija konvinta dwar dan u mhux kontestat li dak il-ħin l-imputata ma kellhiex *cash register* jew kotba tal-irċevuti l-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha hija ppruvata."

Illi din il-Qorti hija sodisfatta li meta marru l-iSpetturi tal-Taxxa fuq il-Valur Miżjud l-appellanti la kellha *cash register* u lanqas ktieb tal-irċevuti fiskali.

Illi l-appellanti tgħid li dakinhar li saret l-ispezzjoni *ossia* fil-11 ta' Novembru 2015 kienet il-ġurnata tat-Tnejn u li nhar ta' Tnejn ma tiftaħx. Hija xehdet li kieku l-iSpetturi marru l-għada (it-Tlieta) kienu jsibu kollox *in order*. Jidher li l-appellanti tibbaża kollox fuq il-fatt li skont hi dakinhar tal-11 ta' Novembru 2015 kien it-Tnejn. Din il-Qorti tinnota li l-appellanti hija kompletament żbaljata u dana peress li dakinhar tal-11 ta' Novembru 2015 ma kienx it-Tnejn pero' kienet il-ġurnata tal-Erbgħa. Minn dan biss ifisser li t-teżi kollha tal-appellanti taqa'!

Illi filwaqt li fis-sentenza appellata hemm imniżżel li l-appellanti qalet li l-persuna li daħlet fil-ħanut tagħha dakinhar kienet iz-zija tagħha u dana jirriżulta wkoll mir-rapport tal-iSpetturi tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (*a fol.* 9), waqt id-depożizzjoni tagħha mogħtija quddiem din il-Qorti diversament preseduta l-appellanti nsistiet li din kienet ħabiba tagħha. Minkejja dan, jidher li l-appellanti nsiet li fir-Rikors tal-appell tagħha ngħad li dakinhar kienet fil-ħanut *"sempliċement għaliex marret tagħmel qadja fil-ħanut akkumpanjata minn membru tal-familja tagħha."*

Illi jidher ukoll li hemm xi ftit differenzi bejn ix-xiehda li nstemgħet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u dik mogħtija quddiem din il-Qorti diversament preseduta rigward meta l-appellanti marret għand l-*accountant* bil-kotba tal-irċevuti. Madankollu jirriżulta wkoll li l-iSpetturi tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kienu marru qabel u sabu l-bieb tal-ħanut magħluq. Minkejja li l-iSpettur tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud xehed li ma ra lil ħadd jingħata servizz jew jixtri xi prodott, pero' minn dak li ngħad hawn fuq u minn dak li jirriżulta mill-atti proċesswali, din il-Qorti ma tarax li hemm xi dubju raġonevoli dwar li dakinhar il-ħanut tal-appellanti kien miftuħ għall-pubbliku. B'hekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet lill-appellanti ħatja tal-imputazzjoni addebitata lilha u għaldaqstant l-aggravju tagħha qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Charmaine Micallef u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**